

# Tislima Xierqa Lil Maġġur Anthony Aquilina F'Għeluq il-Ħamsa-u-Għoxrin Sena Minn Mewtu

Jikteb Mario Formosa Holt



Il-wirt għani li bih huma msebbħa l-festi Maltin, u li jeħtieġ nibqgħu nindokraw għaliex isawwar identità tagħna, hu mogħni b'arti kbira u b'forom oħra ta' kultura. It-tiżjin tal-Knejjes u tat-toroq tagħna flimkien ma' l-arti piroteknika jagħmlu mill-festi tagħna x'ħaġa unika. Magħhom wieħed irid iżied l-arti mużikali kemm f'dik li hi mużika sagra kif ukoll permezz tal-marċi li jferrħu t-toroq fil-jiem tal-festa.

La qeghdin insemmu l-marċi, m'għandna l-ebda dubju li m'hawnx persuna f'Malta u Għawdex midħla tal-baned li ma semgħax bl-isem tal-Maġġur Anthony Aquilina. Ħassejnieħ għalhekk dmir tagħna li nagħtu ġieħ lil dan il-bniedem u ħabib antik tas-Soċjeta tagħna, li tant ferraħ u għadu jferraħ bil-marċi tiegħu. Dan qed nagħmluħ f'għeluq f'għeluq il-ħamsa-u-għoxrin sena mill-mewt tal-Maġġur.

Anthony Aquilina iben Indri u Filippa xebba Bugeja twieled Ħaz-Zebbug nhar il-25 ta' Lulju 1906. Tgħammed l-għada stess fil-Knisja Arċipretali ta' San Filep u ngħata l-ismijiet Paul, Philip u Joseph. Minkejja san, kulħadd kien isejjaħlu Ninu jew Anthony, kif baqa sakemm miet. It-tfajjel Ninu ta' eta' żgħira wera nklinazzjoni għat-tagħlim tal-mużika. Ta' għaxar snin ħareġ idoqq għall-ewwel darba mal-Banda San Filep ta' raħal twelidu, fejn bħala l-ewwel għalliem tiegħu kellu lis-Sur Wiġi Said. Ninu kien idoqq bħala strument il-klarinett. Is-Surmastrijiet u l-għalliema li kellu mal-ewwel intebħu bil-potenżjal li kien jipposjedi tant li kienu jafdawlu esekuzzjonijiet ta' solista.

Il-bravu Surmast Awstrijak Aurelio Doncich li mexxa l-Banda Cittadina King's Own bejn l-1908 u l-1930 għaraf tajjeb il-ħila tiegħu u kien bis-saħħa ta' dan l-istess Surmast li Ninu xi snin wara sab postu fl-armata, fejn għall-ewwel daħal bħala Band Boy. Sadanittant huwa baqa' jieħu l-istudju bl-akbar serjeta u ta' għoxrin sena ntbagħat kors ta' tliet snin fl-Ingilterra. Anthony Aquilina għamel użu tajjeb ħafna minn dan iż-żmien li qatta l-Ingilterra. Kien żmien li fih tħarreġ kemm fuq l-istrumenti kollha, kif ukoll fid-direzzjoni. Dan żgur li kien ser jiswielu mitqlu deheb aktar 'l quddiem. Lura Malta, huwa ngħata l-kariga ta' Surmast Direttur tal-Banda tar-Royal Malta Artillery. Huwa baqa' javanza fl-armata u sakemm irtira fl-eta ta' 57sena hu spiċċa bir-rank ta' Maġġur.

Anthony Aquilina baqa' javanza mhux biss fl-armata iżda wkoll fl-unuri personali li rebaħ fil-qasam mużikali. Huwa kien Surmast Direttur ta' tliet baned f'pajjiżna. Għal għaxar snin sħaħ huwa dderiġa l-Banda Duke of Connaught's Own ta' Birkirkara, bejn l-1946-1956. Wara dan huwa mexxa l-Banda Cittadina King's Own tal-Belt Valletta għal sbatax-il sena sħaħ, jiġifieri bejn l-1956-1973. L-aħħar sentejn ta' ħajtu qattagħhom imexxi l-Banda Sant'Antnin ta' Birkirkara.

In-numru ta' marċi brijuzi li kkompona dan il-bravu Surmast hu kbir wisq. Kull min kien jafu kulħadd isemmi kemm kien dħuli u umli. L-għors tiegħu jitħallat man-nies jisma l-marċ ġdid tiegħu jindaqq għall-ewwel darba. Daqstant ieħor kein dixxiplinat waqt it-taħriġ tal-banda. Ma kien jittollera l-ebda ċajt u kien esigenti ħafna fuq xogħlhu. Bħala kompożitur hu rnexxielu joħloq timbru personali għalih. Tant li meta wieħed jisma marċ jindaqq, anke jekk ma jkunx jaf x'jismu, jintebaħ li hu tal-Maġġur Aquilina.

Il-libretti tal-Filarmonika Stella Maris dejjem inkludew xi marċ tal-Maġġur. Dan ma setax jonqos anke għall-fatt tal-konnessjoni antika bejn l-Għaqda Mużikali Slimiża u dik Beltija, it-tnejn imlaqqmin TA' L-ISTILLA, tagħha l-Maġġur kien Surmast.

Fl-arkivju tal-Banda Stella Maris tista tgħid issib l-marċi kollha tiegħu fostom Ix-Xiħ, Melita, Come on





the Stripes, Ta' Gerrew, Zorro, Viva x-Xemx, Balfrendozan, Forza Censina, Wenzinos, La Senor Rita u saħansitra Marie Louise l-aħħar marċ li kkompona dan is-Surmast. Għall-partitarji tal-Filarmonika Stella Maris m'hemmx għalfejn ngħidu li l-aktar marċ popolari ta' dan is-Surmast huwa Il-Bozen li ta' kull sena joħloq bosta briju.

Ir-rabta ta' dan il-bravu Surmast mas-Soċjeta tagħna għandha wkoll għeruq fil-fatt li huwa kien joqgħod Tas-Sliema, f'parti li qabel ma' l-Knisja ta' Ġesu Nazzarenu saret parroċċa, kienet tagħmel parti mill-Parroċċa Matriċi ta' Stella Maris. Insibu ta' spiss huwa kien jinzel sax-Xatt u b'dik id-dehra eleganti u pulita tiegħu jitħallat u jitħaddet mal-ħbieb. Niftakkar li darba minnhom kont ħtaft l-opportunita' u staqsejtu liema mill-marċi kollha li kkompona kien l-aktar li taħ soddisfazzjon. Waqt li qalli li għalih iqishom kollha bħala uliedu jħoss li l-aktar li hu għal qalbu hu l-marċ ZORRO.

Forsi ftit jafu li wieħed mill-ħbieb tal-qalb tal-Maġġur Aquilina ma kien ħadd għajr il-mibki iżda żgur qatt minsi Pawlu Triganza, li kien wieħed mill-pilastri tal-Festa ta' Stella Maris. Il-Maġġur Aquilina u Pawlu kienu qishom il-ħabel u s-satal. Dejjem flimkien. Ħbiberija din li kienet tmur lura għaż-żmien meta Pawlu kien idoqq mal-Banda King's Own taħt l-imsemmi Surmast. Mhux ta' b'xejn li Pawlu kien isaffar xi marċ tal-Maġġur hu u joħloq xi disinn ġdid għall-Festa ta' Stella Maris. L-Istess marċ MELITA hu ddedikat għall-mart Pawlu Triganza li kienet ġġib l-istess isem.

Il-Maġġur Anthony Aquilina ħalla din id-dinja ħamsa-u-għoxrin sena ilu. Eżattament nhar il-21 ta' Settembru 1985. Filwaqt li nroddu ħajr lil Alla li tana bniedem bħal dan, għandna nibqgħu grati lil Maġġur Aquilina li permezz tad-doni li Alla għoġbu jżejnu bihom, ferraħ u għadu jferraħ tant nies bil-marċi sbieħ tiegħu.

**Riferenżi**

Diversi kitbiet tas-Sur Victor Galea f'diversi Programm tal-Festi
Tagħrif mogħti lill-awtur mis-Sur Pawlu Triganza nnifsu

KENNEDY SALON
by Tony & Dad
for Cut & Blow Dry Modern & Classic Haircuts
351, Manwel Dimech Street, (corner with St. joseph Street,) Sliema
Mobiles Dad: 9988 1917 - Tony: 9980 4047
*Jawguraw il-festa t-tajba lis-Slimiżi kolllħa!*